MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 683/2002

**M. Demajo (Graphic Arts) Limited**

**vs**

**J. B. Plastics Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, erba' mija disgha u erbghin Liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (LM2,449.81,0) rapprezentanti prezz ta' "printing supplies";**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata hamsa (5) ta' Settembru, 2002 u bl-imghax legali sal-jum tal-**

**hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta, li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata 10 ta' Dicembru, 2002 li permezz taghha irriducieт it-talba taghha ghal elf erba' mija disgha u erbghin Liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (LM1,449.81,0) stante hlas ta' elf Liri Maltin, (LM1,000) fil-mori tal-kawza;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqets u ma deheritx, la fl-10 ta' Dicembru tas-sena 2002 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta, bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**